IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.1.2016
COM(2016) 26 final

2016/0011 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern**

[…]

**WERREJ**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI ..................... 3

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA ..................... 3

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta ..................... 3

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet politiċi eżistenti fil-qasam tal-politika ..................... 3

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ ..................... 4

• Il-bażi ġuridika ..................... 4

• Is-sussidjarjetà (għal komptenza mhux esklussiva) ..................... 4

• Il-proporzjonalità ..................... 5

• L-għażla tal-istrument ..................... 5

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT ..................... 5

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati ..................... 5

• Valutazzjoni tal-Impatt ..................... 6

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT ..................... 6

5. ELEMENTI OĦRA ..................... 6

• Spjega dettaljata tadd-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta ..................... 6

DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistabbilixxi r-regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern ..................... 10

KAPITOLU I — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI1 ..................... 14

KAPITOLU II MIŻURI KONTRA L-EVITAR TAT-TAXXA ..................... 16

KAPITOLU III DISPOŻIZZJONIJIET TAL-AĦĦAR ..................... 22

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA ..................... 23

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..................... 23

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..................... 23

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..................... 23

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..................... 24

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..................... 27

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..................... 28

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2014 isemmu"ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak tal-Unjoni Ewropea (UE)". Sa minn Diċembru 2014, il-Kummissjoni nediet malajr l-ewwel passi lejn approċċ tal-UE. Sadanittant, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) iffinalizzat il-ħidma tagħha fid-definizzjoni tar-regoli globali u tal-istandards għal dawn l-għanijiet.

Din id-Direttiva, li spiss tissejjaħ id-Direttiva Kontra l-Evitar tat-Taxxa, tistabbilixxi r-regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern. Hija waħda mill-partijiet li jikkostitwixxu l-Pakkett tal-Kummissjoni Kontra l-Evitar tat-Taxxa, li jindirizza għadd ta' żviluppi ġodda importanti u prijoritajiet ta' politika fit-tassazzjoni korporattiva li jeħtieġu reazzjoni rapida fil-livell tal-UE. B'mod partikolari, hija twieġeb għall-finalizzazzjoni tal-proġett kontra l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS) mill-G20 u l-OECD kif ukoll għat-talbiet tal-Parlament Ewropew, ta' bosta Stati Membri, tal-impriżi u tas-soċjetà ċivili, u ta' ċerti msieħba internazzjonali għal approċċ aktar b'saħħtu u koerenti tal-UE kontra l-abbuż mit-taxxa korporattiva.

L-iskemi taħt il-mira ta' din id-Direttiva jinvolvu sitwazzjonijiet fejn il-kontribwenti jaġixxu kontra l-għan proprju tal-liġi, li jieħdu vantaġġ minn disparitajiet bejn is-sistemi fiskali nazzjonali, biex iħallsu anqas taxxi. Il-kontribwenti jistgħu jibbenefikaw minn rati baxxi ta' taxxa jew deduzzjonijiet doppji jew jiżguraw li d-dħul tagħhom jibqa' mhux intaxxat billi jagħmluh deduċibbli f'ġurisdizzjoni waħda filwaqt li dan lanqas ma jiġi inkluż fil-bażi tat-taxxa lil hinn mill-fruntieri . L-eżitu ta' sitwazzjonijiet bħal dawn joħloq distorsjoni fid-deċiżjonijiet tan-negozju fis-suq intern u sakemm ma jkunx indirizzat b'mod effettiv, jista' joħloq ambjent ta' kompetizzjoni fiskali inġusta. Din id-Direttiva, barra li għandha l-għan li tiġġieled l-prattiki tal-evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern, din qiegħda tistabbilixxi wkoll regoli kontra l-evitar tat-taxxa f'sitt oqsma speċifiċi: it-tnaqqis tal-imgħax; it-tassazzjoni tal-ħruġ; klawżola ta' bdil regola ġenerali kontra l-abbuż (GAAR) regoli għall-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż (CFC) u qafas għall-indirizzar tad-diskrepanzi ibridi

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet politiċi eżistenti fil-qasam tal-politika

Din id-Direttiva tibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Korporattiva Ġusta u Effiċjenti, ippreżentat mill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2015. Hija tistabbilixxi regoli legalment vinkolanti li jippermettu lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod effettiv l-evitar tat-taxxa korporattiva b'mod li jippreserva l-kompetittività kollettiva tagħhom u jirrispetta s-Suq Uniku, il-Libertajiet tat-Trattati, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-liġi tal-UE inġenerali. F'dan ir-rigward, hija tibbaża fuq żewġ oqsma ewlenin ta' ħidma fil-livell tal-UE u f'dak internazzjonali.

L-ewwel nett, fil-kuntest tal-OECD BEPS, il-parti l-kbira tal-Istati Membri ntrabtu li jimplimentaw il-miżuri li jinsabu fir-Rapporti Finali tal-BEPS, li ġew ippubblikati fil-5 ta' Ottubru 2015 u approvati mill-mexxejja tal-G20 f'Novembru 2015. Madankollu, l-implimentazzjoni unilaterali u diverġenti tal-BEPS minn kull Stat Membru tista' tkisser is-Suq Uniku billi toħloq konflitti fil-politika nazzjonali, distorsjonijiet u ostakoli tat-taxxa

għall-impriżi fl-UE. Tista' wkoll toħloq lakuni u diskrepanzi li jistgħu jiġu sfruttati mill-kumpaniji li jippruvaw jevitaw it-tassazzjoni, u b'hekk jimminaw l-isforzi tal-Istati Membri sabiex jipprevjenu prattiki bħal dawn. Għaldaqstant, biex is-Suq Uniku jiffunzjona tajjeb, huwa essenzjali li – tal-inqas – l-Istati Membri jittrasponu l-miżuri tal-OECD BEPS fis-sistemi nazzjonali tagħhom b'mod koerenti u kkoordinat.

It-tieni, il-Kummissjoni ħabbret f'Ġunju 2015 Pjan ta' Azzjoni li se jniedi mill-ġdid il-Proposta għal Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK), bħala soluzzjoni olistika għall-ħolqien ta' tassazzjoni aktar ġusti u aktar effiċjenti. Hija eżiġiet ukoll li l-Istati Membri jkomplu jaħdmu fuq ċerti aspetti internazzjonali tal-bażi komuni, marbutin mal-proġett tal-OECD BEPS, waqt li l-proposta riveduta għal BKKTK kienet qiegħda tiġi mħejjija. Din id-Direttiva tikkonsidra l-eżitu tad-diskussjonijiet tal-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet fil-Kunsill.

Din id-Direttiva għandha l-għan li tikseb bilanċ bejn il-ħtieġa għal ċertu grad ta' uniformità fl-implimentazzjoni tal-outputs tal-BEPS madwar l-UE u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri sabiex jakkomodaw il-karatteristiċi speċjali tas-sistemi tat-taxxa tagħhom f'dawn ir-regoli ġodda. Għaldaqstant it-test jistabbilixxi regoli bbażati fuq il-prinċipji u jħalli d-dettalji tal-implimentazzjoni tagħhom għall-Istati Membri, għaliex huwa mifhum li jinsabu f'qagħda aħjar biex isawru l-elementi preċiżi tar-regoli bl-aktar mod adattat għas-sistemi tat-taxxa korporattiva tagħhom. Bħala tali, id-Direttiva għandha toħloq kundizzjonijiet ugwali ta' protezzjoni minima għas-sistemi kollha tat-taxxa korporattiva tal-Istati Membri.

Id-Direttiva hija inklussiva b'mod wiesa' u għandha l-għan li tilħaq lill-kontribwenti kollha soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru. L-ambitu tagħha jħaddan ukoll stabbilimenti permanenti li jinsabu fl-Unjoni, ta' kontribwenti korporattivi li huma nfushom mhumiex soġġetti għad-Direttiva.

## 2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa diretta taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFEU). Il-klawżola tistipula li l-miżuri legali tal-approssimazzjoni skont dak l-artikolu għandhom jingħataw il-forma legali ta' Direttiva.

- **Is-sussidjarjetà (għal komptenza mhux esklussiva)**

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. In-natura tas-suġġett teħtieġ inizjattiva komuni fis-suq intern.

Ir-regoli ta' din id-Direttiva għandhom l-għan li jindirizzaw il-prattiki transkonfinali ta' evitar tat-taxxa u jipprovdu qafas komuni għall-implimentazzjoni tar-riżultati tal-BEPS fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri f'mod ikkoordinat. Tali għanijiet ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti permezz ta' azzjoni meħuda minn kull Stat Membru waqt li jaġixxi waħdu. Approċċ bħal dan fil-fatt sempliċiment jirreplika u possibbilment jaggrava l-frammentazzjoni eżistenti fis-suq intern u jipperpetwa l-ineffiċjenzi u d-distorsjonijiet attwali fl-interazzjoni ta' taħlita ta' miżuri distinti. Jekk l-għan huwa li jiġu adottati soluzzjonijiet li jaħdmu għas-suq intern kollu (eż. l-eliminazzjoni ta' differenzi minħabba diskrepanzi fis-sistemi tat-taxxa nazzjonali) u li titjieb ir-reżiljenza (interna u esterna) tiegħu kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, il-pass xieraq li jmiss jinvolvi inizjattivi kkoordinati fil-livell tal-UE.

Barra minn hekk, inizjattiva tal-UE iżżid il-valur, meta mqabbla ma' dak li jistgħu jiksbu numru kbir ta' metodi ta' implimentazzjoni nazzjonali. Peress li r-regoli ppjanati ta' kontra l-abbuż għandhom dimensjoni transkonfinali, huwa essenzjali li kwalunkwe proposta tibbilanċja l-interessi diverġenti fis-suq intern u tikkunsidra l-istampa sħiħa, sabiex tidentifika għanijiet u soluzzjonijiet komuni. Dan jista' jinkiseb biss jekk il-leġiżlazzjoni tkun imfassla b'mod ċentrali. Fl-aħħar nett, jekk il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-BEPS jiġu ppromulgati skont l-acquis, il-kontribwenti jistgħu jkollhom iċ-ċertezza legali li huma konformi mal-liġi tal-UE.

Għaldaqstant approċċ bħal dan huwa konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-proporzjonalità**

Il-miżuri ppjanati ma jmorrux lil hinn milli jiżguraw il-livell miniimu meħtieġ ta' protezzjoni għas-suq intern. Għaldaqstant id-Direttiva ma tippreskrivix armonizzazzjoni sħiħa iżda biss protezzjoni minima għas-sistemi tat-taxxa korporattiva tal-Istati Membri. B'hekk, id-Direttiva tassigura l-grad essenzjali ta' koordinazzjoni fi ħdan l-Unjoni bl-għan li twettaq il-miri tagħha. F'dan id-dawl, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawn l-għanijiet u għaldaqstant hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **L-għażla tal-istrument**

Il-proposta hija għal Direttiva, li hija l-uniku strument disponibbli skont il-bażi legali tal-Artikolu 115 TFUE.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Is-suġġetti ttrattati f'din id-Direttiva ġew diskussi mal-partijiet interessati fil-qafas tad-Direttiva proposta għal BKKTK fuq għadd ta' snin. Id-delegati tal-Istati Membri ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom b'mod regolari lill-Grupp ta' Ħidma tekniku dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa. Minn meta f'Marzu 2011 il-Kulleġġ adotta l-Proposta għal BKKTK, il-Grupp ta' Ħidma ltaqa' bosta drabi waqt kull Presidenza, biex jiddiskuti kwistjonijiet tekniċi u politiċi fid-dettall. Barra minn hekk, is-Servizzi tal-Kummissjoni kkomunikaw mal-partijiet interessati kollha ewlenin tan-negozju u semgħu l-opinjonijiet tagħhom dwar diversi suġġetti tal-Proposta. Bl-istess mod, ħafna temi tad-Direttiva – l-aktar tekniċi – ġew diskussi f'konferenzi akkademiċi li fihom ipparteċipaw is-Servizzi tal-Kummissjoni.

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri huma membri tal-OECD u pparteċipaw f'diskussjonijiet twal u dettaljati, bejn l-2013 u l-2015, dwar l-Azzjonijiet kontra l-BEPS, inkluż dwar it-tfassil ta' teknikalitajiet. L-OECD organizzat konsultazzjonijiet pubbliċi estensivi mal-partijiet interessati dwar kull Azzjoni ta' kontra l-BEPS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddibattiet internament u mal-esperti tal-OECD dwar diversi suġġetti tal-BEPS (eż. il-leġiżlazzjoni dwar is-CFC), b'mod partikolari fejn il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' ċerti ideat u/jew soluzzjonijiet proposti mal-liġi tal-UE.

Fit-tieni nofs tal-2014, il-Presidenza Taljana tal-Kunsill nediet l-idea ta' 'Pjan Direzzjonali għall-UE - BEPS'. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta dwar il-BKKTK u ffoka b'mod speċifiku fuq l-elementi internazzjonali tagħha u dawk relatati mal-BEPS. F'dan il-kuntest, il-

Presidenza ħeġġet il-konsistenza ma' inizjattivi paralleli tal-OECD, waqt li tiġi rrispettata l-liġi tal-UE. Dan l-approċċ kien approvat mill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tassazzjoni u segwit mill-Presidenzi sussegwenti. Id-diskussjonijiet dwar il-Pjan Direzzjonali għall-UE – BEPS komplew sal-2015. L-għan kien li jingħata kontribut lid-dibattitu tal-OECD u titwitta t-triq għal implimentazzjoni bla xkiel tar-Rakkomandazzjonijiet futuri tal-OECD, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet tal-UE.

L-elementi ta' din il-proposta għal Direttiva kienu ppreżentati f'termini wesgħin u diskussi mad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri, mar-rappreżentanti tan-negozju u tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi f'laqgħa tal-Pjattaforma għall-Governanza Tajba fil-Qasam tat-Taxxa fit-30 ta' Novembru 2015.

- **Valutazzjoni tal-Impatt**

Wara r-rapport tagħha dwar *Nindirizzaw l-Erożjoni tal-Bażi u Trasferiment tal-Profitt* ġie ppubblikat kmieni fl-2013 u l-hekk imsejjaħ *Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS* ġie approvat mill-Mexxejja tal-G20 f'Settembru 2013, l-OECD bdiet taħdem b'mod intensiv fuq perjodu ta' sentejn li wassal għall-pubblikazzjoni ta' 13-il rapport f'Novembru 2015. Dawn ir-rapporti jistabbilixxu standards internazzjonali ġodda jew imsaħħa kif ukoll miżuri konkreti biex jgħinu lill-pajjiżi jindirizzaw ilBEPS. F'dan il-qafas, il-membri tal-OECD/G20 ntrabtu ma' dan il-pakkett komprensiv u l-implimentazzjoni konsistenti tiegħu.

Ħafna Stati Membri, fil-kapaċità tagħhom ta' Membri tal-OECD, impenjaw ruħhom li jittrasponu r-riżultat tal-proġett tal-BEPS fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, u li jagħmlu dan malajr. Meta wieħed iqis dan, huwa kritiku li jsir progress dwar il-qbil ta' regoli għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet dwar il-BEPS fl-UE. Fid-dawl ta' riskju kbir ta' frammentazzjoni tas-suq intern li jista' tirriżulta minn azzjonijiet unilaterali mhux ikkoordinati fl-UE, f'din il-proposta l-Kummissjoni qiegħda tressaq soluzzjonijiet minimi komuni għall-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni għamlet kull sforz sabiex twieġeb fl-istess waqt kemm għall-urġenza biex taġixxi, kif ukoll għall-ħtieġa imperattiva li jiġi evitat li l-funzjonament tas-suq intern ikun kompromess jew b'miżuri unilaterali adottati mill-Istati Membri (sew jekk huma membri tal-OECD sew jekk le) li jaġixxu waħedhom jew b'nuqqas ta' azzjoni mill-Istati Membri l-oħra. Il-possibbiltà li tiġi proposta liġi mhux vinkolanti kien ikkunsidrat ukoll, iżda din l-għażla twarrbet bħala mhix adatta biex tiggarantixxi approċċ ikkoordinat.

Biex jingħataw analiżi u evidenza aġġornati, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD), li jakkumpanja l-abbozz tad-Direttiva, jagħti ħarsa estensiva lix-xogħol akkademiku eżistenti u lill-evidenza ekonomika fil-qasam tal-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt. Dan huwa bbażat fuq studji reċenti, fost l-oħrajn, mill-OECD, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jitfa' fokus fuq l-ixpruni u l-mekkaniżmi l-aktar komuni identifikati li, skont ir-rapporti tal-OECD, huma marbuta mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Huwa jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet ta' analiżi fil-fond tal-mekkaniżmi ewlenin tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa abbażi ta' analiżi għal kull Stat Membru, kif imwettqa f'isem il-Kummissjoni fl-2015. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jiddeskrivi kif id-direttiva hija komplementari ma' inizjattivi oħrajn maħsuba biex jimplimentaw l-eżiti tar-rapporti tal-OECD dwar il-BEPS fl-UE u jikkontribwixxi lejn livell minimu komuni ta' protezzjoni kontra l-evitar tat-taxxa.

F'dan l-isfond, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin: hemm rabta mill-qrib mal-ħidma tal-OECD dwar il-BEPS; id-dokument ta' ħidma tal-persunal jipprovdi ammont sostanzjali ta' evidenza u analiżi; il-partijiet interessati kienu

involuti b'mod estensiv fil-konsultazzjonijiet dwar l-elementi tekniċi tar-regoli proposti fi stadju preċedenti; u, b'mod partikolari, hemm domanda attwali urġenti għal azzjoni koordinata fl-UE dwar din il-kwistjoni ta' prijorità politika internazzjonali.

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta għal Direttiva ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjega dettaljata tadd-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-Direttiva hija inklussiva b'mod wiesa' u għandha l-għan li tilħaq lill-kontribwenti kollha soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru. L-ambitu tagħha jħaddan ukoll stabbilimenti permanenti li jinsabu fl-Unjoni, ta' kontribwenti korporattivi li huma nfushom mhumiex soġġetti għad-Direttiva.

L-iskemi taħt il-mira ta' din id-Direttiva jinvolvu sitwazzjonijiet fejn il-kontribwenti jaġixxu kontra l-għan proprju tal-liġi, li jieħdu vantaġġ minn disparitajiet bejn is-sistemi fiskali nazzjonali, biex iħallsu anqas taxxi. Il-kontribwenti jistgħu jibbenefikaw minn rati baxxi ta' taxxa jew deduzzjonijiet doppji jew jiżguraw li d-dħul tagħhom jibqa' mhux intaxxat billi jagħmluh deduċibbli f'ġurisdizzjoni waħda filwaqt li dan lanqas ma jiġi inkluż fil-bażi tat-taxxa lil hinn mill-fruntieri. L-eżitu ta' sitwazzjonijiet bħal dawn joħloq distorsjoni fid-deċiżjonijiet tan-negozju fis-suq intern u sakemm ma jkunx indirizzat b'mod effettiv, jista' joħloq ambjent ta' kompetizzjoni fiskali inġusta. Din id-Direttiva, barra li għandha l-għan li tiġġieled l-prattiki tal-evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern, din qiegħda tistabbilixxi wkoll regoli kontra l-evitar tat-taxxa f'sitt oqsma speċifiċi: it-tnaqqis tal-imgħax; it-tassazzjoni tal-ħruġ; klawżola ta' bdil regola ġenerali kontra l-abbuż (GAAR) regoli għall-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż (CFC) u qafas għall-indirizzar tad-diskrepanzi ibridi

- It-tnaqqis tal-imgħax

Il-gruppi multinazzjonali spiss jiffinanzjaw entitajiet ta' gruppi f'ġurisdizzjonijiet b'taxxa għolja permezz tad-dejn u jagħmlu arranġamenti li dawn il-kumpaniji jħallsu lura mgħax esaġerat lis-sussidjarji residenti f'ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa. B'dan il-mod, il-bażi tat-taxxa tal-grupp (jew aħjar, l-entitajiet li jħallsu mgħax esaġerat) tonqos fil-ġurisdizzjonijiet b'taxxa għolja filwaqt li tiżdied fl-Istat b'taxxa baxxa fejn jasal il-pagament tal-imgħax. B'mod ġenerali, ir-riżultat huwa bażi tat-taxxa mnaqqsa għall-grupp multinazzjonali kollu.

L-għan tar-regola proposta huwa li tonqos il-prattika msemmija hawn fuq billi jiġi limitat l-ammont ta' ingħax li l-kontribwent ikun intitolat jiddeduċi f'sena fiskali. B'dan il-mod, huwa wkoll mistenni li jittaffa l-preġudizzju kontra l-finanzjament tal-ekwità. Għal dan il-għan, l-ispejjeż netti tal-imgħax ikunu deduċibbli biss sa proporzjon fiss ibbażat fuq il-profitt operattiv gross tal-kontribwent. Minħabba li din id-Direttiva tistabbilixxi livell minimu ta' protezzjoni għas-suq intern, huwa ppjanat li r-rata għat-tnaqqis tiġi stabbilita fil-quċċata tal-iskala (10 sa 30%) irrakkomandata mill-OECD.  L-Istati Membri mbagħad jistgħu jintroduċu regoli aktar stretti.

Għalkemm huwa ġeneralment aċċettat li l-impriżi finanzjarji, jiġifieri l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, ukoll għandhom ikunu soġġetti għal limitazzjonijiet fit-tnaqqis tal-imgħax, huwa rikonoxxut ukoll li dawn iż-żewġ setturi

għandhom karatteristiċi speċjali li jitolbu approċċ aktar personalizzat. Dan huwa prinċipalment minħabba l-fatt li, għall-kuntrarju ta' setturi oħra tal-ekonomija, l-ispejjeż finanzjarji u d-dħul huma sofferti jew akkumulati mill-impriżi finanzjarji bħala parti tal-kummerċ ewlieni tagħhom. Minħabba li d-diskussjonijiet f'dan il-qasam għadhom mhumiex konklussivi biżżejjed fil-kuntest internazzjonali u Ewropew, għad ma kienx possibbli li jinħolqu regoli speċifiċi għas-settur finanzjarju u dak tal-assigurazzjoni. Madankollu jeħtieġ li jkun iċċarat li minkejja l-esklużjoni temporanja ta' dawn l-impriżi finanzjarji, l-intenzjoni fl-aħħar mill-aħħar hija li tinstab regola ta' limitazzjoni tal-imgħax ta' ambitu wiesa' mingħajr eċċezzjonijiet.

- It-tassazzjoni tal-ħruġ

Il-kontribwenti jistgħu jippruvaw inaqqsu l-kont tat-taxxa tagħhom billi jittrasferixxu r-residenza fiskali u/jew l-assi tagħhom f'ġurisdizzjoni b'taxxa baxxa. Prattiki bħal dawn ifixklu s-suq minħabba li jherru l-bażi tat-taxxa tal-Istat tat-tluq u jċaqilqu l-profitti futuri b'mod li jkunu soġġetti għat-taxxa fil-ġurisdizzjoni tad-destinazzjoni b'taxxa baxxa. Jekk il-kontribwenti jittrasferixxu r-residenza fiskali tagħhom minn Stat Membru partikolari, dan l-Istat ma jibqagħlux id-dritt futur tiegħu li jintaxxa d-dħul ta' dawk il-kontribwenti, li jista' jkun diġà nħoloq iżda għadu mhux realizzat. L-istess kumplikazzjoni tinqala' meta l-kontribwenti jittrasferixxu assi (mingħajr ma jiddisponu minnhom) barra Stat Membru u dawk l-assi jkunu jinkorporaw profitti mhux realizzati.

It-tassazzjoni tal-ħruġ għandha l-iskop li tipprevjeni l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa fl-Istat ta' oriġini meta l-assi li jinkorporaw qligħ sottostanti mhux realizzat jiġu trasferiti barra l-ġurisdizzjoni ta' tassazzjoni ta' dak l-Istat mingħajr bidla fis-sjieda. Billi l-applikazzjoni tat-tassazzjoni tal-ħruġ fi ħdan l-Unjoni sejra tkun konformi mal-libertajiet fundamentali u f'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), din id-Direttiva tindirizza wkoll l-aspett tal-liġi tal-UE dwar it-tassazzjoni tal-ħruġ billi tagħti lill-kontribwenti l-għażla li jiddifferixxu l-ħlas tal-ammont ta' taxxa fuq ċertu għadd ta' snin u jħallsuh permezz ta' pagamenti mqassma.

- Klawżola ta' bdil

Minħabba d-diffikultajiet inerenti fl-għoti ta' eżenzjoni mill-kreditu għat-taxxi mħallsa barra l-pajjiż, l-Istati għandhom it-tendenza li jkomplu aktar jeżentaw id-dħul barrani mit-tassazzjoni. L-effett negattiv involontarju ta' dan l-approċċ huwa li jista' jinkoraġġixxi dħul mhux intaxxat jew intaxxat ftit li jidħol is-suq intern u mbagħad, jiċċirkola – f'ħafna każijiet mhux intaxxat – fi ħdan l-Unjoni, waqt li juża l-istrumenti disponibbli fil-liġi tal-Unjoni.

Il-klawżoli ta' bdil spiss jintużaw kontra prattiki bħal dawn. B'mod partikolari, il-kontribwent jiġi soġġett għat-taxxa (minflok ikun eżentat) u jingħata kreditu għat-taxxa mħallsa barra l-pajjiż. B'dan il-mod, il-kumpaniji jaqtgħu qalbhom milli jittrasferixxu l-profitti minn ġurisdizzjonijiet b'taxxa għolja f'territorji b'taxxa baxxa, sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni ta' negozju suffiċjenti għal dawn it-trasferimenti.

*Is-soll tat-tassazzjoni baxxa*

Fil-proposta tagħha għal Direttiva dwar BKKTK, il-Kummissjoni ntroduċiet klawżola ta' bdil sabiex tinkludi sitwazzjoni fejn id-dħul li jasal fis-suq intern minn pajjiż terz kien soġġett għal taxxa fuq il-profitti fil-pajjiż terz b'rata ta' taxxa korporattiva statutorja ta' inqas minn 40 fil-mija tal-medja tar-rati ta' taxxa korporattiva statutorja fl-Unjoni. Din ir-regola tassigura li d-dħul li joriġina minn pajjiż terz jidħol fl-Unjoni wara li jkun ġie ntaxxat f'livell tal-inqas

ugwali għall-inqas livell ta' tassazzjoni li dan il-pagament kien ikun soġġett għalih li kieku oriġina fi Stat Membru. Għal dan il-għan, il-proposta għal BKKTK tirreferi, bħala komparatur, għall-medja tar-rati ta' taxxa korporattiva statutorja fl-Unjoni.

Jekk wieħed jikkunsidra li din id-Direttiva ma tistabbilixxix sistema ta' taxxa korporattiva awtonoma, lanqas ma tinkludi mekkaniżmu għall-konsolidazzjoni tal-bażijiet tat-taxxa ta' kumpaniji ta' grupp madwar l-Unjoni b'mod li taħt il-proposta għal BKKTK, ikun loġiku li tintuża, bħala referenza, ir-rata tat-taxxa korporattiva statutorja fl-Istat Membru tal-kontribwent li jirċievi d-dħul barrani – tal-inqas, sakemm il-pjanijiet għat-tnedija mill-ġdid tal-BKKTK jimmaterjalizzaw, kif ħabbret il-Kummissjoni.

L-iskema proposta tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li mhemmx armonizzazzjoni ta' rati tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni. Biex jiġu mmirati l-prattiki ta' evitar tat-taxxa, il-limitu għandu, fi kwalunkwe każ, ikun stabbilit sabiex jinkludi sitwazzjonijiet fejn it-tassazzjoni tkun f'livell taħt il-50 fil-mija meta mqabbel mal-Istat tal-kontribwent riċevitur. Madankollu, lanqas il-limitu ma għandu jkun iffissat tant baxx li jċaħħad lill-miżura minn kwalunkwe tifsira billi jinkludi biss il-ġurisdizzjonijiet bl-aktar taxxa aggressiva. Fid-dawl ta' dan, prova li permezz tagħha r-rata tat-taxxa korporattiva statutorja fil-pajjiż ta' residenza tal-entità jew il-pajjiż li fih l-istabbiliment permanenti jinsab hija inqas 40 fil-mija tar-rata tax-taxxa korporattiva fl-Istat Membru tal-kontribwent joħloq bilanċ bejn ir-rikonoxximent tal-ambitu għall-kompetizzjoni tat-taxxa ġusta u l-ħtieġa li jiġu evitati prattiki ta' evitar tat-taxxa.

Barra minn hekk, bl-applikazzjoni tal-klawżola ta' bdil, id-dħul li jkun joriġina minn pajjiż terz li jidħol fl-Unjoni jkun intaxxat mill-Istat Membru tal-kontribwent fl-istess livell bħad-dħul ta' oriġini interna, li jassigura trattament ugwali bejn il-ħlasijiet tal-Unjoni u dawk li joriġinaw minn pajjiżi terzi. B'dan il-mod, l-Istati Membri jibqgħu konformi mal-obbligi li daħlu għalihom kemm taħt il-liġi Ewropea kif ukoll taħt il-liġi internazzjonali.

- Regola ġenerali kontra l-abbuż (GAAR)

L-iskemi ta' ppjanar tat-taxxa huma elaborati ħafna u l-leġiżlazzjoni tat-taxxa normalment ma tevolvix b'mod rapidu biżżejjed sabiex tinkludi d-difiżi speċifiċi kollha meħtieġa sabiex tindirizza dawn l-iskemi. Huwa għalhekk li GAAR hija utli f'sistema tat-taxxa; b'hekk tippermetti li jinqabdu prattiki abbużivi tat-taxxa minkejja l-assenza ta' regola speċifika kontra l-evitar tat-taxxa.

Il-GAAR hija mfassla biex tkopri lakuni li jistgħu jeżistu fir-regoli speċifiċi ta' pajjiż kontra l-abbuż mill-evitar tat-taxxa. Tagħti lill-awtoritajiet is-setgħa li jċaħħdu lill-kontribwenti mill-benefiċċju ta' arranġamenti abbużivi tat-taxxa. F'konformità mal-*acquis,* il-GAAR proposta tfasslet sabiex tirrifletti t-testijiet tal-artifiċjalità tal-QĠUE fejn dawn ikunu applikata fi ħdan l-Unjoni.

- Regoli għall-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż (CFC)

Il-kontribwenti b'sussidjarji kkontrollati f'ġurisdizzjonijiet b'taxxa baxxa jistgħu jidħlu fi prattiki ta' ppjanar tat-taxxa li permezz tagħhom jittrasferixxu ammonti kbar ta' profitti barra mill-kumpanija ewlenija (intaxxata ħafna) lejn sussidjarji li jkunu soġġetti għal tassazzjoni baxxa. L-effett huwa li jonqos id-dejn fiskali globali tal-grupp. L-analiżi ta' hawn fuq dwar il-limitu ta' tassazzjoni baxxa hija valida wkoll għar-regoli dwar is-CFC.

Id-dħul trasferit lejn is-sussidjarja normalment huwa dħul passiv mobbli. Pereżempju, skema komuni tikkonsisti l-ewwel fit-trasferiment, fi grupp, is-sjieda ta' assi intanġibbli (eż. IP) lis-

CFC u mbagħad, it-trasferiment ta' ammonti kbar ta' dħul fil-forma ta' pagamenti ta' royalties b'kunsiderazzjoni għad-dritt tal-użu tal-assi li jkunu sjieda tas-CFC u ġestiti minnha. Il-funzjonament tas-suq intern huwa affettwat b'mod ċar minn prattiki bħal dawn ta' trasferiment ta' profitt, l-aktar fejn id-dħul ikun trasferit barra l-UE lejn pajjiżi terzi b'taxxa baxxa.

Ir-regoli dwar is-CFC jattribwixxu mill-ġdid id-dħul ta' sussidjarja kkontrollata minn barra l-pajjiż b'taxxa baxxa lill-kumpanija ewlenija tagħha. B'riżultat ta' dan, il-kumpanija ewlenija hija ntaxxata fuq dan id-dħul fl-Istat ta' residenza tagħha – normalment, dan ikun Stat b'taxxa għolja. Il-leġiżlazzjoni dwar is-CFC, għaldaqstant, għandha l-għan li teqred l-inċentiv tat-trasferiment tad-dħul biex dan ikun intaxxat b'rata baxxa f'ġurisdizzjoni oħra.

• Qafas għall-indirizzar tad-diskrepanzi ibridi

Id-diskrepanzi ibridi huma l-konsegwenza ta' differenzi fil-karatterizzazzjoni ġuridika ta' pagamenti (strumenti finanzjarji) jew ta' entitajiet meta jinteraġixxu żewġ sistemi legali. Dawn id-diskrepanzi spiss jistgħu jwasslu għal tnaqqis doppju (jiġifieri tnaqqis fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera); jew deduzzjoni tad-dħul fuq fruntiera waħda mingħajr l-inklużjoni tagħha fuq in-naħa l-oħra. Il-kontribwenti, b'mod speċjali dawk involuti fi strutturi transkonfinali, spiss jieħdu vantaġġ minn tali diskrepanzi fis-sistemi fiskali nazzjonali u jnaqqsu l-obbligu fiskali globali tagħhom fl-Unjoni.

Din il-problema ġiet esplorata kemm mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) kif ukoll mill-OECD. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jintroduċu regoli li jiġġieldu b'mod effettiv kontra dawn id-diskrepanzi, din id-Direttiva tippreskrivi li l-karatterizzazzjoni ġuridika mogħtija lil strument ibridu jew lil entità mill-Istat Membru fejn il-ħlas, l-ispiża jew it-telf, skont il-każ, joriġina, għandu jkun segwit minn Stat Membru ieħor li huwa involut fid-diskrepanza.

2016/0011 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Il-prijoritajiet politiċi attwali fit-tassazzjoni internazzjonali jenfasizzaw il-ħtieġa li jkun żgurat li titħallas it-taxxa fejn jiġu ġġenerati profitti u valur. Għaldaqstant huwa essenzjali li tiġi rrestawrata l-fiduċja fil-korrettezza tas-sistemi tat-taxxa u li l-gvernijiet jitħallew jeżerċitaw b'mod effettiv is-sovranità fiskali tagħhom. Dawn l-għanijiet politiċi ġodda ġew tradotti f'rakkomandazzjonijiet ta' azzjoni konkreta fil-kuntest tal-inizjattiva kontra l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS) mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Bi tweġiba għall-ħtieġa ta' tassazzjoni aktar ġusta, fil-Komunikazzjoni tagħha tas-17 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea[3] (il-Pjan ta' Azzjoni).

(2) Il-parti l-kbira tal-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom ta' membri tal-OECD, intrabtu li jimplimentaw r-riżultat tal-15-il punt ta' Azzjoni kontra l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti, ippubblikati fil-5 ta' Ottubru 2015. Għaldaqstant huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern li, bħala minimu, l-Istati Membri jimplimentaw l-impenn tagħhom taħt il-BEPS u b'mod aktar wiesa', jieħdu azzjoni sabiex jiskoraġġixxu l-prattiki ta' evitar tat-taxxa u jiżguraw tassazzjoni ġusta u effettiva fl-Unjoni b'mod koerenti u kkoordinat biżżejjed. F'suq ta' ekonomiji integrati ħafna, hemm bżonn ta' approċċi strateġiċi komuni u azzjoni kkoordinata, li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern u li nimmassimizzaw l-effetti pożittivi tal-inizjattiva kontra l-BEPS. Barra minn hekk, qafas komuni biss jista' jipprevjeni l-frammentazzjoni tas-suq u jtemm id-diskrepanzi u d-distorsjonijiet tas-suq li jeżistu

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 [3]Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Sistema tat-Taxxa Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea: 5 Oqsma Ewlenin għall-Azzjoni COM(2015) 302 finali tas-17 ta' Ġunju 2015.

attwalment . Finalment, miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali li jsegwu linja komuni madwar l-Unjoni jipprovdu lill-kontribwenti ċ-ċertezza legali li dawk il-miżuri huma kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni.

(3) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli sabiex jissaħħaħ il-livell medju ta' protezzjoni kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa fis-suq intern. Peress li dawn ir-regoli ser ikollhom jidħlu fi 28 sistema tat-taxxa korporattiva separati, għandhom ikunu limitati għal dispożizzjonijiet ġenerali u jħallu l-implimentazzjoni f'idejn l-Istati Membri peress li huma f'qagħda aħjar biex isawru l-elementi speċifiċi ta' dawn ir-regoli bl-aktar mod adattat għas-sistemi tat-taxxa korporattiva tagħhom. Dan l-għan jista' jinkiseb bil-ħolqien ta' livell minimu ta' protezzjoni għas-sistemi tat-taxxa korporattiva nazzjonali madwar l-Unjoni. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu kkoordinati r-reazzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riżultati tal-15-il Punt ta' Azzjoni kontra l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti bl-għan li tittejjeb l-effettività tas-suq intern inġenerali fl-indirizzar tal-prattiki ta' evitar tat-taxxa. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi stabbilit livell minimu komuni ta' protezzjoni għas-suq intern f'oqsma speċifiċi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli applikabbli għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru. Dawk ir-regoli għandhom japplikaw ukoll għall-istabbilimenti permanenti ta' dawk il-kontribwenti korporattivi li jistgħu jkunu stabbiliti fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħrajn. Il-kontribwenti korporattivi jistgħu jkunu residenti għall-finijiet tat-taxxa fi Stat Membru jew ikunu stabbiliti taħt il-liġijiet ta' Stat Membru. L-istabbilimenti permanenti ta' entitajiet residenti f'pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa ukoll għandhom ikunu koperti minn dawn ir-regoli jekk ikunu jinsabu fi Stat Membru wieħed jew aktar.

(5) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli kontra l-erożjoni tal-bażijiet tat-taxxa fis-suq intern u t-trasferiment tal-profitti 'l barra mis-suq intern. Ir-regoli f'dawn l-oqsma li ġejjin huma meħtieġa sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' dak l-għan: limitazzjonijiet fit-tnaqqis tal-imgħax, it-tassazzjoni tal-ħruġ, klawżola ta' bdil, regola ġenerali kontra l-abbuż, regoli għall-kumpaniji kkontrollati minn barra 'l pajjiż u qafas għall-indirizzar tad-diskrepanzi ibridi. Meta l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli toħloq tassazzjoni doppja, il-kontribwenti għandhom jirċievu ħelsien mit-taxxa bi tnaqqis għat-taxxa mħallsa fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, skont il-każ. B'hekk, ir-regoli mgħandhomx jimmiraw biss li jiġġieldu l-prattiki ta' evitar tat-taxxa iżda jevitaw ukoll li joħolqu ostakoli oħrajn għas-suq, bħat-tassazzjoni doppja.

(6) Fi sforz biex inaqqsu l-obbligu fiskali globali tagħhom, il-gruppi ta' kumpaniji transkonfinali qegħdin dejjem aktar jittrasferixxu l-profitti, normalment permezz ta' ħlasijiet ta' mgħax esaġerat, mill-ġurisdizzjonijiet b'taxxa għolja għal pajjiżi bi skemi ta' taxxa aktar baxxi. Ir-regola tal-limitazzjoni tal-imgħax hija meħtieġa biex tiskoraġġixxi prattiki bħal dawn billi tillimita l-possibbiltà ta' tnaqqis tal-ispejjeż finanzjarji netti (jiġifieri l-ammont li bih l-ispejjeż finanzjarji jaqbżu d-dħul finanzjarju). Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi ffissat proporzjon għall-possibbiltà ta' tnaqqis li jirreferi għall-qligħ ta' kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzamenti (EBITDA). Il-fatturat finanzjarju eżenti mit-taxxa mgħandux ikun ikkumpensat bi spejjeż finanzjarji. Dan għaliex id-dħul taxxabbli biss għandu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni tal-ammont li għandu jitnaqqas mill-imgħax. Biex ikunu ffaċilitati dawk il-kontribwenti li huma f'inqas riskju relatat mal-erożjoni tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitti, l-imgħax nett għandu dejjem ikun deduċibbli sa ammont massimu fiss, li jibda japplika meta jwassal għal tnaqqis ogħla mill-proporzjon ibbażat fuq l-EBITDA. Meta l-kontribwent ikun parti minn grupp li jiffajlja kontijiet statutorji konsolidati, id-dejn tal-grupp globali għandu jiġi kkunsidrat

biex il-kontribwenti jingħataw il-permess inaqqsu ammonti ogħla ta' spejjeż finanzjarji netti. Ir-regola tal-limitazzjoni tal-imgħax għandha tapplika f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż finanzjarji netti ta' kontribwent mingħajr distinzjoni ta' jekk l-ispejjeż joriġinawx f'dejn magħmul fil-pajjiż, lil hinn mill-fruntieri fl-Unjoni jew f'pajjiż terz. Għalkemm huwa ġeneralment aċċettat li l-impriżi finanzjarji, jiġifieri l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, ukoll għandhom ikunu soġġetti għal limitazzjonijiet fit-tnaqqis tal-imgħax, huwa rikonoxxut ukoll li dawn iż-żewġ setturi għandhom karatteristiċi speċjali li jitolbu approċċ aktar personalizzat. Peress li d-diskussjonijiet f'dan il-qasam għadhom mhumiex konklussivi biżżejjed fil-kuntest internazzjonali u dak Ewropew, għadu mhuwiex possibbli li jiġu pprovduti regoli speċifiċi fis-settur finanzjarju u dak tal-assigurazzjoni.

(7) It-taxxi tal-ħruġ għandhom il-funzjoni li jiżguraw li meta kontribwent iċaqlaq xi assi jew ir-residenza fiskali tiegħu barra mill-ġurisdizzjoni fiskali ta' Stat, dak l-Istat jintaxxa l-valur ekonomiku ta' kwalunkwe qligħ kapitali maħluq fit-territorju tiegħu anki jekk dan il-qligħ ikun għadu ma ġiex irrealizzat meta jsir il-ħruġ. Għaldaqsant jeħtieġ li jiġu speċifikati l-każijiet li fihom il-kontribwenti huma soġġetti għal regoli tat-taxxa tal-ħruġ u ntaxxati fuq qligħ kapitali mhux realizzat li nbnew fl-assi trasferiti tagħhom. Biex jinħadmu l-ammonti, huwa essenzjali li jiġi stabbilit valur tas-suq għall-assi trasferiti bbażat fuq il-prinċipju ta' distakkament. Fi ħdan l-Unjoni, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-applikazzjoni tat-tassazzjoni tal-ħruġ u spjegati l-kundizzjonijiet biex wieħed ikun konformi mal-liġi tal-Unjoni. F'daw is-sitwazzjonijiet, il-kontribwenti għandu jkollhom id-dritt li jew iħallsu minnufih l-ammont ta' taxxa tal-ħruġ ivvalutat jew jiddifferixxu l-ħlas tal-ammont tat-taxxa, possibbilment flimkien mal-imgħax u garanzija, fuq ċertu numru ta' snin u li jħallsu l-obbligi tat-taxxa tagħhom f'pagamenti mqassma. It-taxxa tal-ħruġ mgħandhiex tkun imposta meta t-trasferiment tal-assi jkun temporanju u sakemm al-assi jkunu maħsubu li jmorru lura għall-Istat Membru tat-trasferent, f'każ li t-trasferiment iseħħ sabiex jissodisfa rekwiżiti prudenzjali jew minħabba ġestjoni ta' likwidità jew f'każ ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli jew assi kkollokati bħala kollateral.

(8) Minħabba d-diffikultajiet inerenti fl-għoti ta' ħelsien ta' kreditu għal taxxi mħallsa barra l-pajjiż, l-Istati għandhom dejjem aktar it-tendenza li jeżentaw dħul barrani mit-tassazzjoni fl-Istat ta' residenza. L-effett negattiv involontarju ta' dan l-approċċ madankollu huwa li jinkoraġġixxi sitwazzjonijiet li fihom dħul mhux intaxxat jew intaxxat ftit jidħol fis-suq intern u mbagħad jiċċirkola – ħafna drabi mingħajr ma jkun ġie ntaxxat – fl-Unjoni, permezz tal-istrumenti disponibbli fil-liġi tal-Unjoni. Il-klawżoli ta' bdil spiss jintużaw kontra prattiki bħal dawn. Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi pprovduta klawżola ta' bdil li tkun immirata kontra ċerti tipi ta' dħul barrani, pereżempju, distribuzzjonijiet ta' profitti, rikavati mid-disponiment ta' ishma u profitti minn stabbilimenti permanenti li huma eżenti mit-taxxa fl-Unjoni u joriġinaw f'pajjiżi terzi. Dan id-dħul għandu jkun taxxabbli fl-Unjoni, jekk ġie intaxxat taħt ċertu livell fil-pajjiż terz. Jekk wieħed jikkunsidra li l-klawżola ta' bdil ma teħtieġx kontroll fuq l-entità intaxxata ftit u għaldaqstant jista' ma jkunx hemm aċċess għall-kontijiet statutorji tal-entità, il-komputazzjoni tar-rata tat-taxxa effettiva tista' tkun eżerċizzju kkumplikat ħafna. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom jużaw ir-rata tat-taxxa statutorja meta japplikaw il-klawżola ta' bdil. L-Istati Membri li japplikaw il-klawżola ta' bdil għandhom jagħtu kreditu għat-taxxa mħallsa barra l-pajjiż, sabiex jevitaw l-intaxxar doppju.

(9) Regoli ġenerali kontra l-abbuż (GAARs) huma inklużi fis-sistemi fiskali sabiex jindirizzaw prattiki tat-taxxa abbużivi li għadhom ma ġewx indirizzati permezz ta'

dispożizzjonijiet speċifiċikament immirati. Għaldaqstant il-GAARs għandhom funzjoni mmirata biex timla l-vojt, li mgħandux jaffettwa l-applikabbiltà ta' regoli speċifiċi kontra l-abbuż. Fi ħdan l-Unjoni, l-applikazzjoni ta' GAARs għandu jkun limitat għal arranġamenti li huma "kompletament artifiċjali" (mhux ġenwini); inkella, il-kontribwent għandu jkollu d-dritt li jagħżel l-aktar struttura effiċjenti ta' taxxa għall-affarijiet kummerċjali tiegħu. Barra minn hekk huwa importanti li jkun żgurat li l-GAARs japplikaw f'sitwazzjonijiet interni, fi ħdan l-Unjoni u vis-à-vis pajjiżi terzi b'mod uniformi, biex l-ambitu u r-riżultati tal-applikazzjoni tagħhom f'sitwazzjonijiet interni u transkonfinali ma jvarjawx.

(10) Ir-regoli dwar il-Kumpaniji Kkontrollati minn Barra l-Pajjiż (CFC) għandhom l-effett li jattribwixxu mill-ġdid id-dħul ta' sussidjarja kkontrollata intaxxata ftit lill-kumpaniji prinċipali tagħha. Imbagħad, il-kumpanija prinċipali ssir taxxabbli għal dan id-dħul attribwit fl-Istat fejn hija residenti għall-finijiet tat-taxxa. Skont il-prijoritajiet politiċi ta' dak l-Istat, ir-regoli dwar is-CFC jistgħu jkunu diretti lejn sussidjarja sħiħa ntaxxata ftit jew ikunu limitati għad-dħul li ġie devjat b'mod artifiċjali lejn is-sussidjarja. Huwa mixtieq li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet kemm fil-pajjiżi terzi kif ukoll fl-Unjoni. Sabiex ikun hemm konformità mal-libertajiet fundamentali, l-impatt tar-regoli fl-Unjoni għandu jkun limitat għall-arranġamenti li jirriżultaw f'trasferiment artifiċjali ta' profitti mill-Istat Membru tal-kumpanija omm lejn is-CFC. F'dan il-każ, l-ammonti ta' dħul attribwiti lill-kumpanija omm għandhom jiġu aġġustati skont il-prinċipju tad-distakkament, b'tali mod li l-Istat Membru tal-kumpanija omm biss jintaxxa l-ammonti tad-dħul tal-CFC sal-punt li ma jkunux konformi ma' dan il-prinċipju. Ir-regoli dwar is-CFC għandhom jeskludu lill-impriżi finanzjarji mill-ambitu tagħhom meta dawn ikunu residenti taxxabbli fl-Unjoni, inklużi stabbilimenti permanenti ta' tali impriżi li jinsabu fl-Unjoni. Dan għaliex l-ambitu għal applikazzjoni leġittima tar-regoli dwar is-CFC fl-Unjoni għandu jkun limitat għal sitwazzjonijiet artifiċjali mingħajr sustanza ekonomika, li jimplika li s-setturi finanzjarji u tal-assigurazzjoni rregolati ħafna aktarx li ma jkunux inklużi f'dawn ir-regoli.

(11) Id-diskrepanzi ibridi huma l-konsegwenza ta' differenzi fil-karatterizzazzjoni ġuridika tal-pagamenti (strumenti finanzjarji) jew ta' entitajiet u dawk id-differenzi jitfaċċaw fl-interazzjoni bejn is-sistemi legali taż-żewġ ġurisdizzjonijiet. L-effett ta' tali diskrepanzi huwa spiss tnaqqis doppju (jiġifieri tnaqqis fiż-żewġ stati) jew tnaqqis tad-dħul fi stat wieħed mingħajr l-inklużjoni fil-bażi tat-taxxa fl-ieħor. Sabiex jiġi evitat dan ir-riżultat, hemm bżonn li jiġu stabbiliti regoli li permezz tagħhom wieħed miż-żewġ ġurisdizzjonijiet f'diskrepanza għandha tagħti karatterizzazzjoni ġuridika lill-istrument ibridu jew lill-entità u l-ġurisdizzjoni oħra għandha taċċetta dan. Għalkemm l-Istati Membri qablu dwar gwida, fil-qafas tal-Grupp tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi, dwar it-trattament tat-taxxa ta' entitajiet ibridi[4] u stabbilimenti permanenti ibridi[5] ġewwa l-Unjoni kif ukoll dwar it-trattament tat-taxxa ta' entitajiet ibridi f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, xorta waħda jeħtieġ li jiġu ppromulgati regoli vinkolanti. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġi limitat l-ambitu ta' dawn ir-regoli għad-diskrepanzi ibridi bejn l-Istati Membri. Id-diskrepanzi ibridi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi għadhom iridu jiġi eżaminati aktar.

(12) Jeħtieġ li jkun iċċarat li l-implimentazzjoni tar-regoli kontra l-evitar tat-taxxa pprovduti f'din id-Direttiva mgħandhiex taffettwa l-obbligu tal-kontribwenti li

4 Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) – Rapport lill-Kunsill, 16553/14, FISC 225, 11.12.2014.
5 Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) – Rapport lill-Kunsill, 9620/15, FISC 60, 11.6.2015.

jikkonformaw mal-prinċipju ta’ distakkament jew id-dritt tal-Istat Membru li jaġġusta obbligu fiskali ’l fuq skont il-prinċipju ta’ distakkament, fejn japplika.

(13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali skont l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE kif ukoll id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] japplika għall-ipproċessar ta’ data personali li jsir fil-qafas ta’ din id-Direttiva.

(14) Jekk wieħed iqis li għan ewlieni ta’ din id-Direttiva huwa t-titjib tar-reżiljenza tas-suq intern inġenerali kontra l-prattiki ta’ evitar tat-taxxa transkonfinali, dan ma jistax jinkiseb biżżejjed jekk l-Istati Membri jaġixxu b’mod individwali. Is-sistemi tat-taxxa korporattiva nazzjonali huma diversi u azzjoni indipendenti mill-Istati Membri sempliċement tirreplika l-frammentazzjoni eżistenti tas-suq intern fit-tassazzjoni diretta. B’hekk tippermetti li jippersistu n-nuqqas ta’ effiċjenza u d-distorsjonijiet fl-interazzjoni ta’ miżuri nazzjonali differenti. Ir-riżultat ikun nuqqas ta’ koordinazzjoni. Pjuttost, minħabba l-fatt li nuqqas kbir ta’ effiċjenza fis-suq intern joħloq primarjament problemi ta’ natura transkonfinali, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri ta’ rimedju fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant huwa kruċjali li jiġu adottati soluzzjonijiet li jiffunzjonaw għas-suq intern inġenerali u dan jista’ jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. B’hekk, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta’ sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv. Bl-istabbiliment ta’ livell minimu ta’ protezzjoni għas-suq intern, din id-Direttiva għandha biss l-għan li tikseb il-grad minimu essenzjali ta’ koordinazzjoni fi ħdan l-Unjoni sabiex twettaq l-objettivi tagħha.

(15) Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha u tirrapporta lill-Kunsill dwarha. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni kwalunkwe tagħrif meħtieġ għal din l-evalwazzjoni,

---

6 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

7 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta’ Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
*Kamp ta' applikazzjoni*

Din id-Direttiva tapplika għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru wieħed jew aktar, inklużi stabbilimenti permanenti fi Stat Membru wieħed jew aktar ta' entitajiet residenti f'pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'kostijiet tas-self' tfisser spejjeż ta' mgħaxijiet u spejjeż oħrajn ekwivalenti li kontribwent iġarrab b'konnessjoni mas-self ta' fondi, inkluża kwalunkwe differenza bejn il-fondi meħuda b'self u l-ammont tal-fidwa, l-element ta' mgħax f'kuntratt ta' kiri meta s-sid ekonomiku huwa intitolat li jnaqqas l-imgħax u l-ispejjeż imġarrba b'konnessjoni mal-ġbir ta' finanzi;

(2) 'kostijiet tas-self eċċessivi' tfisser l-ammont li bih il-kostijiet tas-self ta' kontribwent jaqbżu l-introjtu mill-imgħax u introjtu taxxabbli ieħor ekwivalenti minn assi finanzjarji li jirċievi l-kontribwent;

(3) 'assi finanzjarju' tfisser strument finanzjarju kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u depożiti u depożiti strutturali, pretensjonijiet ta' self u prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni;

(4) 'impriża finanzjarja' tfisser kwalunkwe waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin:

  (a) istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9];

  (b) impriża tal-assigurazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10];

  (c) kumpanija tar-riassigurazzjoni kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

---

[8] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

[9] Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

[10] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(d) istituzzjoni għall-irtirar okkupazzjonali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [11], sakemm Stat Membru ma jkunx għażel li ma japplikax id-Direttiva kollha jew parti minnha għal dik l-istituzzjoni skont l-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva jew għad-delegat ta' istituzzjoni għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/41/KE;

(e) fond ta' investiment alternattiv ġestit minn maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12];

(f) impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fit-tifsira tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13];

(g) kontroparti ċentrali kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012[14];

(h) depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15].

(5) 'trasferiment ta' assi' tfisser operazzjoni li permezz tagħha d-dritt li jintaxxa l-assi trasferiti jgħaddi f'idejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, filwaqt li l-assi jibqgħu taħt is-sjieda benefiċjarja tal-istess kontribwent, minbarra t-trasferiment ta' assi temporanji diment li l-assi huma maħsuba li jaqgħu lura f'idejn l-Istat Membru tat-trasferent;

(6) 'it-trasferiment tar-residenza tat-taxxa' tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax residenti fi Stat Membru għall-finijiet tat-taxxa, waqt li jikseb residenza fiskali fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

(7) 'it-trasferiment ta' stabbiliment permanenti' tfisser operazzjoni li permezz tagħha kontribwent ma jibqax ikollu preżenza taxxabbli fi Stat Membru waqt li jikseb tali preżenza fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz mingħajr ma jsir residenti f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa .

*Artikolu 3*
*Livell minimu ta' protezzjoni*

Din id-Direttiva mgħandhiex tipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet interni jew ibbażati fuq ftehimiet u li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw livell ogħla ta' protezzjoni għall-bażijiet tat-taxxa korporattiva interna.

---

11 Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali (ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10).

12 Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

13 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

14 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

15 Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

# KAPITOLU II

# MIŻURI KONTRA L-EVITAR TAT-TAXXA

*Artikolu 4*
*Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax*

1. Il-kostijiet tas-self għandhom dejjem jitnaqqsu diment li l-kontribwent jirċievi imgħax jew introjtu taxxabbli ieħor minn assi finanzjarji.

2. Il-kostijiet tas-self eċċessivi għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu fis-sena fiskali li fiha jiġġarrbu sa 30 fil-mija biss tal-qligħ tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament (EBITDA) jew sal-ammont ta' EUR 1 000 000, liema minnhom ikun l-ogħla. L-EBITDA għandu jkun ikkalkolat billi wieħed jerġa' jżid mad-dħul taxxabbli l-ammonti aġġustati mit-taxxa għall-kostijiet tal-imgħax nett u kostijiet oħrajn ekwivalenti kif ukoll l-ammonti aġġustati mit-taxxa għad-deprezzament u l-amortizzament.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-kontribwent jista' jingħata d-dritt li jnaqqas għal kollox il-kostijiet tas-self eċċessivi jekk il-kontribwent jista' juri li l-proporzjon tal-ekwità tiegħu fuq it-total tal-assi tiegħu huwa ugwali għal jew ogħla mill-proporzjon ekwivalenti tal-grupp.

   L-ewwel subparagrafu għandu japplika soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-proporzjon tal-ekwità tal-kontribwent fuq it-total tal-assi tiegħu huwa kkunsidrat ugwali għall-proporzjon ekwivalenti tal-grupp jekk il-proporzjon tal-ekwità tal-kontribwent fuq it-total tal-assi tiegħu huwa aktar baxx sa żewġ punti perċentwali;

   (b) il-grupp jikkonsisti fl-entitajiet kollha li huma inklużi f'dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati awditjati mfassla skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju jew is-sistema nazzjonali ta' rappurtar finanzjarju ta' Stat Membru jew il-Prinċipji ta' Kontabbiltà Ġeneralment Aċċettati tal-Istati Uniti (GAAP);

   (c) l-assi u l-obbligazzjonijiet huma vvalutati permezz tal-istess metodu bħal fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati;

   (d) l-ekwità u t-total tal-assi tal-kontribwent huma mnaqqsa b'kontribuzzjonijiet magħmulin fis-sitt xhur ta' qabel id-data tal-karta bilanċjali rilevanti sakemm dawn il-kontribuzzjonijiet jaqblu ma' tħassir jew distribuzzjonijiet matul is-sitt xhur ta' wara d-data tal-karta bilanċjali rilevanti;

   (e) il-pagamenti lill-impriżi assoċjati ma jaqbżux l-10 fil-mija tal-ispejjeż tal-imgħax netti totali.

4. L-EBITDA ta' sena fiskali li ma jkunx assorbit għal kollox mill-kostijiet tas-self imġarrba mill-kontribwent f'dik is-sena fiskali jew dawk preċedenti jistgħu jiġu riportati għal snin fiskali futuri.

5. Il-kostijiet tas-self li ma jistgħux jitnaqqsu fis-sena fiskali kurrenti taħt il-paragrafu 2 għandhom ikunu jistgħu jitnaqqsu sa 30 fil-mija tal-EBITDA fi snin fiskali sussegwenti bl-istess mod bħall-kostijiet tas-self għal dawk is-snin.

6. Il-paragrafi 2 sa 5 mgħandhomx japplikaw għall-impriżi finanzjarji.

*Artikolu 5*
*It-tassazzjoni tal-ħruġ*

1. Kontribwent għandu jkun soġġett għat-taxxa f'ammont ugwali għall-valur tas-suq tal-assi trasferiti, fil-ħin tal-ħruġ, nieqes il-valur tagħhom għall-finijiet tat-taxxa, fi kwalunkwe waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) kontribwent jittrasferixxi assi mill-uffiċċju prinċipali tiegħu għall-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

(b) kontribwent jittrasferixxi assi mill-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru għall-uffiċċju prinċipali tiegħu jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

(c) kontribwent jittrasferixxi r-residenza fiskali tiegħu lejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, ħlief għal dawk l-assi li jibqgħu effettivament marbutin ma' stabbiliment permanenti fl-ewwel Stat Membru;

(d) kontribwent jistabbilixxi l-istabbiliment permanenti tiegħu minn Stat Membru.

Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, kwalunkwe trasferiment sussegwenti ta' assi lejn pajjiż terz mill-istabbiliment permanent li jinsab fl-ewwel Stat Membru u li miegħu l-assi huma effettivament marbutin għandu jitqies bħala disponiment fil-valur tas-suq.

2. Kontribwent jista' jiddifferixxi l-pagament ta' taxxa tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 1, billi jħallsu bin-nifs fuq mill-inqas ħames snin, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) kontribwent jittrasferixxi assi mill-uffiċċju prinċipali tiegħu għall-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim ŻEE);

(b) kontribwent jittrasferixxi assi mill-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru għall-uffiċċju prinċipali tiegħu jew stabbiliment permanenti ieħor fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE;

(c) kontribwent jittrasferixxi r-residenza fiskali tiegħu lejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE;

(d) kontribwent jistabbilixxi l-istabbiliment permanenti tiegħu lejn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE.

3. Jekk kontribwent jiddifferixxi l-pagament skont il-paragrafu 2, l-imgħax jista' jiġi impost skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-kontribwent jew tal-istabbiliment permanenti, skont il-każ, safejn ikun meħtieġ biex jiġi ppreservat il-valur tal-obbligazzjoni tat-taxxa vvalutat.

Jekk jista' jintwera riskju jew hemm riskju attwali ta' nuqqas ta' rkupru, il-kontribwenti jistgħu jkunu meħtieġa wkoll jipprovdu garanzija bħala kundizzjoni għad-differiment tal-pagament skont il-paragrafu 2.

It-tieni subparagrafu mgħandux japplika meta l-leġiżlazzjoni fl-Istat Membru tal-kontribwent jew tal-istabbiliment permanenti tipprovdi għall-possibbiltà tal-irkupru tad-dejn tat-taxxa permezz ta' kontribwent ieħor li huwa membru tal-istess grupp u huwa residenti f'dak l-Istat Membru għall-finijet tat-taxxa.

4. Id-differiment tal-ħlas skont il-paragrafu 2 għandu jieqaf minnufih u d-dejn fiskali jkun jista’ jiġi rkuprat f’dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) isir disponiment tal-assi trasferiti;

(b) l-assi trasferiti sussegwentement jiġu trasferiti lejn pajjiż terz;

(c) ir-residenza fiskali tal-kontribwent jew l-istabbiliment permanenti tiegħu sussegwentement jiġi trasferit lejn pajjiż terz;

(d) il-kontribwent ifalli jew jiġi stralċjat.

5. Meta t-trasferiment tal-assi, tar-residenza fiskali jew tal-istabbiliment permanenti jkun lejn Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru għandu jaċċetta l-valur tas-suq stabbilit mill-Istat Membru tal-kontribwent jew tal-istabbiliment permanenti bħala l-valur inizjali tal-assi għall-finijiet tat-taxxa.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 sa 5, ‘valur tas-suq’ huwa l-ammont li għalih assi jista’ jiġi skambjat jew obbligi reċiproċi jistgħu jiġu saldati bejn xerrejja u bejjiegħa mhux relatati fi tranżazzjoni diretta.

7. Dan l-artikolu ma għandux japplika għal trasferimenti ta’ natura temporanja fejn l-assi huwa maħsub li jaqa’ lura f’idejn l-Istat Membru tat-trasferent.

*Artikolu 6*
*Klawżola ta’ bdil*

1. L-Istati Membri mgħandhomx jeżentaw kontribwent mit-taxxa fuq id-dħul barrani li l-kontribwent ikun irċieva bħala distribuzzjoni tal-profitt mingħand entità f’pajjiż terz jew bħala rikavat mid-disponiment ta’ ishma miżmumin f’entità f’pajjiż terz jew bħala dħul minn stabbiliment permanenti li jinsab f’pajjiż terz fejn l-entità jew l-istabbiliment permanenti huwa soġġett, fil-pajjiż ta’ residenza tal-entità jew fil-pajjiż fejn jinsab l-istabbiliment permanenti, għal taxxa fuq il-profitti b’rata ta’ taxxa korporattiva statutorja ta’ inqas minn 40 fil-mija tar-rata tat-taxxa korporattiva statutorja li kienet tkun imposta taħt is-sistema tat-taxxa korporattiva applikabbli fl-Istat Membru tal-kontribwent. F’dawk iċ-ċirkustanzi, il-kontribwent għandu jkun soġġett għat-taxxa fuq id-dħul barrani bi tnaqqis tat-taxxa mħallsa fil-pajjiż terz mill-obbligu fiskali tiegħu fl-istat ta’ residenza tiegħu għall-finijiet tat-taxxa. It-tnaqqis mgħandux jaqbeż l-ammont ta’ taxxa, kif ikkomputata qabel it-tnaqqis, li hija attribbwibbli għad-dħul li jista’ jkun intaxxat.

2. L-ewwel paragrafu mgħandux japplika għat-tipi ta’ telf li ġejjin:

(a) telf imġarrab mill-istabbiliment permanenti ta’ kontribwent residenti li jinsab f’pajjiż terz;

(b) telf mid-disponiment ta’ ishma f’entità li hija residenti fiskali f’pajjiż terz.

*Artikolu 7*
*Regola ġenerali kontra l-abbuż*

1. Arranġamenti mhux ġenwini jew sensiela ta’ arranġamenti li jsiru bl-iskop essenzjali li jinkiseb vantaġġ fiskali li jegħleb l-għan jew l-iskop tad-dispożizzjonijiet tat-taxxa suppost applikabbli għandhom ikunu injorati għall-finijiet tal-ikkalkolar tal-obbligu tat-taxxa korporattiva. Arranġament jista' jinkludi aktar minn pass wieħed jew parti waħda.

2. Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, arranġament jew sensiela ta' arranġamenti għandhom jitqiesu mhux ġenwini sakemm ma jkunux saru għal raġunijiet kummerċjali validi li jirriflettu r-realtà ekonomika.

3. Meta arranġamenti jew sensiela ta' arranġamenti jiġu injorati skont l-ewwel paragrafu, l-obbligu tat-taxxa għandu jkun ikkalkolat b'referenza għas-sustanza ekonomika skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 8*

*Leġiżlazzjoni dwar il-kumpaniji kkontrollati minn barra l-pajjiż*

1. Il-bażi tat-taxxa ta' kontribwent għandha tinkludi d-dħul mhux distribwit ta' entità meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kontribwent waħdu, jew flimkien mal-impriżi assoċjati tiegħu, kif definit taħt is-sistema tat-taxxa korporattiva applikabbli, ikollu parteċipazzjoni diretta jew indiretta ta' aktar minn 50 fil-mija tad-drittijiet tal-vot, jew jippossiedi aktar minn 50 fil-mija tal-kapital jew huwa intitolat li jirċievi aktar minn 50 fil-mija tal-profitti ta' dik l-entità;

(b) taħt l-iskema ġenerali fil-pajjiż tal-entità, il-profitti jkunu soġġetti għal rata tat-taxxa korporattiva effettiva ta' inqas minn 40 fil-mija tar-rata tat-taxxa effettiva li kienet tkun imposta taħt is-sistema tat-taxxa korporattiva applikabbli fl-Istat Membru tal-kontribwent;

(c) aktar minn 50 fil-mija tad-dħul li jakkumula għall-entità jaqa' f'xi waħda minn dawn il-kategoriji li ġejjin:

(i) imgħax jew kwalunkwe dħul ieħor iġġenerat minn assi finanzjarji;

(ii) royalties jew kwalunkwe dħul ieħor iġġenerat minn proprjetà intellettwali jew permessi negozjabbli;

(iii) dividendi u dħul mid-disponiment ta' ishma;

(iv) dħul minn kiri finanzjarju;

(v) dħul minn proprjetà immobbli, sakemm l-Istat Membru tal-kontribwent ma jkunx intitolat li jintaxxa d-dħul skont ftehim konkluż ma' pajjiż terz;

(vi) dħul minn attivitajiet tal-assigurazzjoni, attivitajiet bankarji u attivitajiet finanzjarji oħra;

(vii) dħul minn servizzi mogħtija lill-kontribwent jew lill-impriżi assoċjati tiegħu;

(d) l-entità mhijiex kumpanija li l-klassi prinċipali ta' ishma tagħha hija regolarment innegozjata f'borża jew f'boroż rikonoxxuti.

Il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandu japplika għall-impriżi finanzjarji biss jekk aktar minn 50 fil-mija tad-dħul tal-entità f'dawn il-kategoriji ġej minn tranżazzjonijiet mal-kontribwent jew mal-impriżi assoċjati tiegħu.

2. L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw l-ewwel paragrafu meta entità tkun residenti fiskali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li huwa parti għall-Ftehim ŻEE jew fir-rigward ta' stabbiliment permanenti ta' entità ta' pajjiż terz li jinsab fi Stat Membru, sakemm l-istabbiliment tal-entità ma jkunx kompletament artifiċjali jew sakemm l-entità ma tidħolx, waqt l-attività tagħha, f'arranġamenti mhux ġenwini stabbiliti għall-iskop essenzjali li tikseb vantaġġ fiskali.

Il-paragrafu 1 mgħandux japplika għall-impriżi finanzjarji li huma residenti fiskali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li huwa parti mill-Ftehim ŻEE jew fir-rigward tal-istabbilimenti permanenti tagħhom fi Stat Membru ieħor jew aktar.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, arranġament jew sensiela ta' arranġamenti għandhom jitqiesu mhux ġenwini sakemm l-entità ma tkunx il-proprjetarja tal-assi jew ma tkunx ħadet ir-riskji li jiġġeneraw id-dħul kollu, jew parti mid-dħul, tagħha li kieku ma kinitx ikkontrollata minn kumpanija fejn jitwettqu l-funzjonijiet tal-persuni sinifikanti, li huma rilevanti għal dawk l-assi u riskji, u li huma strumentali għall-iġġenerar tad-dħul tal-kumpanija kkontrollata.

Meta l-entità tidħol f'arranġamenti mhux ġenwini, id-dħul li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa tal-kumpanija li tikkontrolla għandu jkun limitat għal ammonti ġġenerati permezz ta' assi u riskji marbutin ma' funzjonijiet ta' persuni sinifikanti li jsiru mill-kumpanija li tikkontrolla. L-attribuzzjoni ta' dħul ta' kumpanija kkontrollata minn barra l-pajjiż għandha tkun ikkalkolata skont il-prinċipju tad-distakkament.

*Artikolu 9*
*Il-komputazzjoni tad-dħul ta' kumpanija kkontrollata minn barra l-pajjiż*

1. Id-dħul li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa għandu jkun ikkalkolat skont ir-regoli tal-liġi dwar it-taxxa korporattiva tal-Istat Membru fejn il-kontribwent huwa residenti għall-finijiet tat-taxxa. It-telf tal-entità mgħandux ikun inkluż fil-bażi tat-taxxa iżda għandu jiġi riportat u kkunsidrat fl-applikazzjoni tal-Artikolu 8 fi snin fiskali sussegwenti.

2. Id-dħul li għandu jkun inkluż fil-bażi tat-taxxa għandu jkun ikkalkolat fi proporzjon mad-dritt tal-kontribwent li jirċievi l-profitti tal-entità.

3. Id-dħul għandu jkun inkluż fis-sena fiskali li fiha tintemm is-sena fiskali tal-entità.

4. Meta l-entità tqassam il-profitti lill-kontribwent, l-ammonti tad-dħul li qabel kienu inklużi fil-bażi tat-taxxa skont l-Artikolu 8 għandhom jitnaqqsu mill-bażi tat-taxxa meta jiġi kkalkolat l-ammont ta' taxxa dovuta fuq il-profitti mqassma, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm tassazzjoni doppja.

5. Meta l-kontribwent jiddisponi mill-parteċipazzjoni tiegħu fl-entità, il-parti tar-rikavat mid-disponiment li qabel kienet inkluża fil-bażi tat-taxxa skont l-Artikolu 8 li tkun għadha ma ġietx distribwita għandha titnaqqas mill-bażi tat-taxxa meta jiġi kkalkolat l-ammont ta' taxxa dovuta għal dak ir-rikavat, sabiex ikun żgurat li ma jkunx hemm tassazzjoni doppja.

*Artikolu 10*
*Diskrepanzi ibridi*

Meta żewġ Stati Membri jagħtu karatterizzazzjoni ġuridika differenti lill-istess kontribwent (entità ibrida), inklużi lill-istabbilimenti permanenti tiegħu fi Stat Membru wieħed jew aktar, u din twassal jew għal sitwazzjoni fejn id-deduzzjoni fuq l-istess pagament, l-istess spejjeż jew l-istess telf isseħħ kemm fl-Istat Membr li fih il-pagament għandu s-sors tiegħu, l-ispejjeż jkunu saru jew it-telf jiġġarrab u kif ukoll fi Stat Membru ieħor jew sitwazzjoni fejn hemm deduzzjoni ta' pagament fl-Istat Membru li fih il-pagament għandu s-sors tiegħu mingħajr inklużjoni korrispondenti tal-istess pagament fl-Istat Membru l-ieħor, il-karatterizzazzjoni ġuridika mogħtija lill-

entità ibrida mill-Istat membru li fih il-pagament għandu s-sors tiegħu, l-ispejjeż ikunu saru jew it-telf jiġġarrab għandha tiġi segwita mill-Istat Membru l-ieħor.

Meta żewġ Stati Membri jagħtu karatterizzazzjoni ġuridika differenti lill-istess pagament (strument ibridu) u dan iwassal għal sitwazzjonijiet ta' deduzzoni fi Stat Membru li fih il-pagament għandu s-sors tiegħu mingħajr inklużjoni tal-istess pagament fl-Istat Membru l-ieħor, il-karatterizzazzjoni legali mogħtija lill-istrument ibridu mill-Istat Membru li fih il-pagament għandu s-sors tiegħu għandu jiġi segwit mill-Istat Membru l-ieħor.

# KAPITOLU III

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 11*
*Reviżjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha u jirrapporta lill-Kunsill dwarha.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-tagħrif kollu meħtieġ għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 12*
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn […] il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

   Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn […].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-dritt nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 13*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 14*
*L-indirizzati*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA24

**1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Għan/għanijiet

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq l-introjtu

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA24

## 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli kontra prattiki tal-evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[16]

14

14.03

### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **a azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **azzjoni ġdida skont proġett pilota/azzjoni preparatorja**[17]

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għan/għanijiet

#### *1.4.1. Għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 jelenka fost il-prijoritajiet tiegħu dik ta' Approċċ Aktar Ġust lejn it-Tassazzjoni. B'segwitu għal dan, qasam ewlieni għall-azzjoni fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2016 huwa t-titjib tal-qafas legali għat-tassazzjoni tal-profitti tal-kumpaniji billi jipproponi miżuri kontra l-ippjanar tat-taxxa inaċċettabbli, it-trasferiment tal-profitti u l-erożjoni tal-bażi.

#### *1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati*

<u>Għan speċifiku</u>

Biex jiġi stabbilit, permezz ta' miżuri kkoordinati, livell minimu ta' protezzjoni għas-suq intern kontra l-istrateġiji ta' ppjanar tat-taxxa l-aktar rilevanti li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq.

<u>Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i</u>

ABB 3

[16] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
[17] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

| |
|---|
| It-tassazzjoni sejra sseħħ fil-ġurisdizzjoni fejn huma ġġenerati l-profitti u l-valur maħluq. Dan itejjeb il-ġustizzja fl-attribuzzjoni tal-piż tat-taxxa bejn il-kumpaniji fl-UE. B'hekk, gruppi ta' kumpaniji attivi internazzjonalment ma jibqgħux jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' ppjanar tat-taxxa li mhumiex disponibbli għall-kontribwenti (b'mod partikolari, l-SMEs) li huma biss attivi internament.<br><br>Il-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri jkunu protetti aktar kontra l-prattiki tal-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti.<br><br>Il-fiduċja tal-pubbliku, taċ-ċittadini u tal-kontribwenti inġenerali fil-ġustizzja tas-sistemi tat-taxxi tissaħħaħ. |

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

| |
|---|
| Il-proposta ser tkun irregolata mir-rekwiżiti fl-Artikoli 11 (Ir-Reviżjoni) u l-Artikolu 12 (Traspożizzjoni). |

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

| |
|---|
| Biex is-suq intern ikun aktar protett kontra l-istrateġiji tal-ippjanar tat-taxxa l-aktar rilevanti li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq.<br><br>Biex ikun hemm qbil dwar approċċ komuni tal-UE lejn l-implimentazzjoni tar-riżultat tal-BEPS. |

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

| |
|---|
| Biex tkun żgurata l-konsistenza u biex jiġu evitati d-diskrepanzi permezz ta' regoli u proċeduri komuni fl-Istati Membri kollha. Nuqqas ta' konsistenza u lakuni fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri jipperikolaw is-suċċess tal-proġett kollu. |

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

| |
|---|
| Diġà fl-1990, il-Kunsill kien adotta tnejn mill-hekk imsejħa 'Direttivi dwar it-Taxxa Korporattiva' sabiex jindirizza l-ostakoli għall-funzjonament tas-suq intern. Aktar leġiżlazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni tal-kumpaniji, u b'mod aktar preċiż fir-rigward tal-attivitajiet transkonfinali fl-UE, ġiet adottata fi tmiem is-snin Disgħin. |

*1.5.4. Sinerġija possibbli u kompatibbiltà ma' strumenti xierqa oħra*

| |
|---|
| Il-proposta hija parti minn pakkett li jinkludi diversi inizjattivi. Effetti pożittivi ta' sinerġija jistgħu jinkisbu mill-interazzjoni bejn il-miżuri fil-pakkett u bil-proposti li jidhru fil-Pakkett dwar it-Trasparenza ta' Marzu 2015 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Ġunju 2015. |

**1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju**

☐ Proposta/inizjattiva **b'tul taż-żmien limitat**

– ☐ ☐Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐ ☐Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ Proposta/inizjattiva b'tul taż-żmien mhux limitat **unlimited duration**

Implimentazzjoni b'perjodu għat-tnedija minn SSSS sa SSSS,

u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

**1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i**[18]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mis-servizzi tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ ☐mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Peress li l-proposta hija ta' natura leġiżlattiva, ma hemm l-ebda mod ta' ġestjoni jew kompitu ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-Kummissjoni. |

[18] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit web tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

| |
|---|
| Xejn |

### 2.2. Sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll

*2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

| |
|---|
| Xejn |

*2.2.2. Informazzjoni dwar l-istruttura tas-sistema ta' kontroll intern*

| |
|---|
| Xejn |

*2.2.3. Stima tal-kosti u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta’ żball*

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' infiq | Kontribut | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru<br>Xejn<br>[Intestatura……………………...……………] | Diff./Mhux diff.[19]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[20] | mill-pajjiżi kandidati[21] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | Xejn | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' infiq | Kontribut | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru<br>Xejn | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | Xejn | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

[19] Diff:= Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[20] L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[21] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

## 3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta' **<u>spreadsheet dwar id-dejta tal-baġit ta' natura amministrattiva</u>** (it-tieni dokument fl-Anness għal din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u mtella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | Numru | Mhux rilevanti……………..……………………………………………………………….] |
|---|---|---|

| DĠ: TAXUD | | | Sena N[22] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura baġitarja | Impenji | (1) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2) | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2 a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[23] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-intestatura baġitarja | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet** | Impenji | =1+1a +3 | | | | | | | | |

22 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

23 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **għad-DĠ** TAXUD | Pagamenti | =2+2a +3 | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA Mhux rilevanti** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

**<u>Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali** | **5** | ‘Nefqa amministrattiva' |
|---|---|---|

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: TAXUD | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTALI tad-DĠ TAXUD** | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta’ approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | | | | | | | | |

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[24] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL ta’ approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | | | | | | | | |
| | Pagamenti | | | | | | | | |

24 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

### 3.2.2. *Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR (sat-tielet punt deċimali)

| **Semmi l-għanijiet u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTALI** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **IR-RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[25] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[26]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Riżultat | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

25 Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu forniti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

26 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. ‘Għan/ijiet speċifiku/speċifiċi …’.

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **KOST TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | |

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena N[27] | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | TOTALI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Infiq amministrattiv ieħor | | | | | | | | |
| **Sottototal għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| **Barra mill-INTESTATURA 5[28] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Infiq ieħor ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Sottototal Barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

27 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

28 Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time*

| • | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Postijiet tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| • XX 01 01 01 (il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| • XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| • XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| • 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| • **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti ta' ingaġġ Full-Time: FTE)**[29] • | | | | | | | | |
| • XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"finanzjament globali") | | | | | | | | |
| • XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| • **XX** 01 04 **ss**[30] • | • - fil-Kwartieri Ġenerali • | | | | | | | |
| | • - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| • **XX** 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| • 10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| • Linji baġitarji oħra (speċifika liema) | | | | | | | | |
| • **TOTALI** | | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien,

[29] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

[30] Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (il-linji "BA" preċedenti).

jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

### *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>[…] |

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega dak li hemm bżonn, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br><br>[…] |

### *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi

~~– Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:~~

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq l-introjtu

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-introjtu.

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ ☐fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ ☐fuq l-introjtu mixxellanju

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| L-intestatura tad-dħul baġitarju: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[31] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin skont kemm ikun neċessarju sabiex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għall-introjtu mixxellanju “assenjat”, speċifika liema linji baġitarji tal-infiq ġew affettwati.

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq l-introjtu.

| |
|---|
| Mhux applikabbli |

31 Fir-rigward ta’ riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta’ 25 % għal spejjeż ta’ ġbir.